MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Numru. 365/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jeffrey Cilia]**

**vs**

**Alan Grech**
**Natalie Felice**

**Kumpilazzjoni Numru 365/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Alan Grech** ta’ 34 sena, iben Joseph u Elizabeth nee’ Zerafa Gregory, imwieled Attard fis-26 ta’ Lulju, 1975, residenti 55 Triq is-Sajf, Bugibba, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 358175M.

**Natalie Felice** ta' 25 sena, bint Daniel u Rita nee' Muscat, imwielda Pieta' fil-25 ta' Dicembru, 1984, residenti fl-indirizz: 55 Triq is-Sajf, Bugibba, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 63485M.

Akkuzati talli:

Fl-24 ta' Marzu, 2010, ghall-habta ta' 8:00pm, f' San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta' basket u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar fuq il-persuna u ghad-detriment ta' Elizabeth Auchterlonie.

U aktar talli, nhar il-25 ta' Marzu, 2010, ghall-habta ta' 7:15pm, f' San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta' basket u dokumenti, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar fuq il-persuna u ghad-detriment ta' Jeanette Stivala.

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f' Malta, laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli nhar il-25 ta' Marzu, 2010 u matul l-ghaxar xhur ta' qabel din id-data f' diversi bnadi f' dawn il-Gzejjer, saqu vettura tal-ghamla Peugeot 307 (b' numru tar-registrazzjoni Inglizi EY54SNF) minghajr ma kienet licenzjata u minghajr ma kienet koperta b' polza ta' assikurazzjoni.

U aktar talli rrendew ruhom recidivi ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

**Lil Natalie Felice wahedha:**

Talli nhar il-25 ta' Marzu, 2010, u matul l-ghaxar xhur ta' qabel din id-data, f' dawn il-Gzejjer, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal

haddiehor, f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz billi wahhlet set ta’ number plates foloz (LAE 983) fuq vettura tal-ghamla Peugeot 307, (numru ta’ registrazzjoni Inglizi EY54SNF), ai termini tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta

Talli nhar il-25 ta’ Marzu, 2010 u matul l-ghaxar xhur ta’ qabel din id-data f’ dawn il-Gzejjer, ghamlet falsifikazzjoni jew ghamlet uzu minn dokument iehor falsifikat billi uzat set ta’ number plates foloz (LAE 983), fuq vettura ohra tal-ghamla ‘Peugeot 307’, numru ta’ registrazzjoni Inglizi EY54SNF), ai termini tal-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta’ Malta u tal-artikoli 17 u 31 tar-regolamenti ta’ l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15(1b) u 18 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Lil Alan Grech wahdu**

Talli fil-perjodu ta’ sentenza sospieza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-15 ta’ Dicembru 2008, ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 188, 189, 261(f), 270, 289, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijietta’ Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 3 sa 6 u 51 ta’l-Avviz Legali 475 tas-sena 2004.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom hlif ghat-tielet wahda u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat li waqt l-istess udjenza l-ufficcjal prosekutur iddikjara li din it-tielet imputazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta’ serq.

Rat l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat.

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom hlif ghat-tielet wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi t-tielet imputazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet ta’ serq li gew ammessi; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-tielet imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, kif ukoll il-fedina penali taghhom. Min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni taghhom f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni li l-imputati (kopja li ghandha zewgt itfal) ghandhom problema tad-droga u li huma lesti li jaghmlu dak necessarju biex jirriabilitaw ruhhom; l-imputata b’mod partikolari diga qeghda f’kuntatt mas-social workers.

Ghal dawn il-motivi

Wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(f), 270 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Alan Grech** hati ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah ghaxar xhur prigunerija u tiskwalifikah minn kull licenzja ta’ sewqan ghal perjodu ta’ sena. In oltre il-Qorti wara li rat l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed taghzel li testendi il-perjodu operativ tas-sentenza datata 15 ta’ Dicembru 2008 ghal tlett snin mill-llum. U

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 188, 189, 261(f) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu

65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 3 sa 6 u 51 ta’l-Avviz Legali 475 tas-sena 2004, fil-waqt li tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, fuq ammissjoni ssib lill-imputata **Natalie Felice** hatja ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghha u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggiha taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin u dan bil-kundizjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment, u tikkundannaha multa ta’ €2329.37 li ghandha tithallas f’pagamenti mensieli ta’ €65, l-ewwel pagament ghandu jisr fit-2 ta’ Mejju 2010. In oltre l-imputata Felice qed tigi skwalifikata minn kull licenzja ta’ sewqan ghal perjodu ta’ sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputata Felice fi kliem ordinarju ir-responsabbilta taghha u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------